MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 578/2002

**Gaetano Farrugia**

**Vs**

**Oreste Cilia bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Cilia Products (Supplies) Limited u b`digriet tas-27 ta` Ottubru, 2005 Philip u Antoinette Magri li gew kjamati in kawza**

Il-Qorti:

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tannulla, thassar u tirrexindi l-lokazzjoni maghmula bi skrittura tal-24 ta` Ottubru, 2001 ppreparata mill-konvenut u iffirmata mill-konvenut u mill-istanti, ghall-kiri tal-garage Saint Paul, Mountbatten Street, Hamrun (Dok A), peress li l-kunsens tal-istanti ghal dik l-iskrittura huwa vizzjat billi huwa gie ingannat meta ffirmha u ma kienx jaf x`fiha, u konsegwentement tordna l-izgumbrament tas-socjeta` tal-konvenut mill-istess garage fi zmien qasir u perentorju li

tiffissa din il-Qorti; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Awissu, 2002, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur tal-lokazzjoni huwa ta` Lm 400 fis-sena kif ukoll il-ftehim ta` kirja in esami anness ma` l-istess avviz a fol. 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine (fol. 9 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m`huwiex minnu illi l-kunsens ta` l-attur ghall-iskrittura tal-lokazzjoni huwa vvizjat;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta m`hijiex il-legittimu kontradittrici stante illi l-kirja giet assenjata lis-socjeta` Cilia Products Ltd u dan a tenur tad-dritt hekk moghti fl-istess skrittura ta` lokazzjoni;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors u d-digriet moghti fis-27 ta` Ottubru, 2005 u li bih gew kjamati fil-kawza Philip u Antoinette Magri (fol. 58 sa fol. 69 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta` l-istess kjamati fil-kawza (fol. 73 u fol. 74 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi, preliminarjament, il-kjamata fil-kawza ta` l-esponenti ma kienetx necessarja ai termini tal-ligi stante li huma palezament ma kienux partecipi fl-iskrittura tal-24 ta` Ottubru, 2001, li anzi saret ghal kollox bil-mohbi taghhom u biex l-attur u l-konvenut *nomine* jilledu d-drittijiet taghhom ta` lokazzjoni taht titolu precedenti;

2. Illi, t-talbiet ta` l-attur hekk kif issa gew diretti lejn l-esponenti huma neboluzi u huma ghalhekk ta` pregudizzju ghall-esponenti li ma jistghux jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet vagi ta` l-atturi, u dan peress li ma hux car jekk hux qed jintalab l-izgumbrament tas-

socjeta` konvenuta biss jew jekk hux qieghed issa jintalab l-izgumbrament ta` l-esponenti wkoll;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk bil-kjamata fil-kawza ta` l-esponenti l-attur qed jippretendi li l-esponenti jkunu zgumbrati mill-*garage de quo* allura l-esponenti jeccepixxu li t-talba ta` l-atturi gja giet michuda b`sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet *Gaetano u Pawlina mizzewga Farrugia vs Philip u Antoinette mizzewgin Magri* (579/2002 MM) li ghaddiet in gudikat;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-esponenti, it-talbiet ta` l-attur qatt ma jistghu jintlaqghu stante li l-iskrittura tal-24 ta` Ottubru, 2001 hija *res inter alios acta*;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talba u tordna t-thassir u rexxizjoni ta` l-iskrittura tal-24 ta` Ottubru, 2001, dan il-fatt wahdu qatt ma jista` jwassal sabiex l-esponenti jkunu ordnati jizgumbraw mill-garage *de quo* stante li huma jgawdu titolu minn skrittura ta` lokazzjoni bejnhom u bejn l-attur u martu datata 26 ta` Settembru, 2005;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti personalment ma jafu xejn dwar ic-cirkostanzi li taw lok ghall-iskrittura tal-24 ta` Ottubru, 2001, izda jirrilevaw li dik l-iskrittura saret ftit gimghat biss wara li l-attur ta b`titolu ta` lokazzjoni lill-esponenti l-istess fond mertu ta` din il-kawza, u din l-Onorabbli Qorti diga` kellha l-opportunita` tiddikjara lill-attur u martu "in mala fede meta huma innegozjaw ma` Cilia" (sentenza fl-ismijiet *Gaetano u Pawlina mizzewga Farrugia vs Philip u Antoinette mizzewgin Magri* – 579/2002 MM – li ghaddiet in gudikat);

7. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti huma estranei ghan-negozju li sar jew l-ingann li seta` kien hemm bejn il-partijiet l-ohra f`din il-kawza, u ghalhekk ma ghandhom ibatu ebda spejjez;

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha sabiex jigu allegati ma dawn l-atti tal-avviz numru 579/02 MM deciz fl-14 ta` Marzu, 2005 (fol. 79 ibid).

Ikkunsidrat

Ili hawnhekk jkun opportun li ssir referenza ghall-atti tal-avviz numru 579/02 MM deciz finalment, fid-data hemm fuq imsemmija u li bih l-attur odjern intavola avviz kontra il-konjugi Magri, il-kjamati f`din il-kawza sabiex tigi dikjarata nulla skrittura ta` lokazzjoni maghmul u miftiehem bejniethom fil-15 ta` Awissu, 2001. Din l-iskrittura tirreferi ghall-kiri ta` l-istess post imsemmi fl-avviz in dizamina, u l-attur kien allega illi kienet saret meta kien hemm vizzju tal-kunsens "billi huma jew informati meta iffirmah u ma kienx jafu x`fiha", fil-fatt l-istess konjugi fl-avviz in esami. Fis-sentenza citata jinghad "… il-Qorti jidhrilha li l-ingann li gie mwettaq f`din il-kawza kien propju ta` l-atturi (cioe` l-attur odjern u martu) u mhux il-konvenuti (cioe` l-kjamati fil-kawzi odjerni) illi kienu dejjem in buona fede ai termini ta` l-artikolu 993 tal-Kodici Civili.

Illi, difatti, kif jidher mill-iskrittura esebita f`dawn l-atti, fl-24 ta` Ottubru, 2001. Ftit xhur wara l-iskrittura l-ohra msemmija, l-istess attur kien iffirma ftehim iehor ta` lokazzjoni rigwardanti l-istess post mal-konvenut bhala direttur u f`isem is-socjeta` "Cilia Products (Supplies) Limited" u li bih kera l-post in kwistjoni lill-konvenut nomine ghall-perjodu hemm specifikat versu il-hlas ta` kera ta` Lm400 fis-sena u bid-dritt ta` twellija u / jew sullokazzjoni skond ir-raba` (4) paragrafu ta` l-istess ftehim.

Illi, issa, l-attur qed jaghmel tentattiv iehor li tigi dikjarata nulla din l-iskrittura minhabba vizzju tal-kunsens billi jallega illi "… gie ingannat meta iffirmaha". Dwar dan il-punt hu l-attur xehed kif jidher a fol. 13 u fol. 30 ta` l-istess atti. Hu beda jixhed billi qal li l-post in kwistjoni kien tah b`titolu ta` cens temporanjament lil kjamat in kawza izda ma kienx jaf illi dan ic-cens kien skada u b`hekk kompla jircievi c-cens. Skond hu, pero`, l-istess kjamat fil-kawza *ad insaputa* tieghu, kien biegh ic-cens lil Oreste Cilia (ara

fol. 15 et seq ibid minn fejn jidher li dan it-trasferiment kien sar favur Victor Cilia nomine). Sussegwentement kienu gew ghandu l-ahwa Cilia u l-attur kien qal li kien wiegeb "iva" dwar jekk "kontx kuntent bih". Wara xi gimgha, hu kien inghata "karta" u peress li ma kienx jaf la jaqra jew jikteb izda jiffirma biss u peress li haseb li kien ser jiffirma ircevuta, hu kien iffirmaha u kien accetta hlas ta` flus ghax "hsibt li ser niffirma ghall-flus tal-kera li taghni" in rigward l-istess karta "wahda hadha Cilia u l-ohra baqghet ghandi". Wara dan kienu gew ghandu l-kjamati fil-kawzi u qalulu "biex il-flus li kien taghni naghtihomlu. Qalli ghax jien sraqtu".

Inoltre meta kien wera l-imsemmija "karta" lil Avukat, hawn hekk gie infurmat li din kienet il-kirja tal-post. Wara Oreste Cilia kien gie ghandi sabiex jaghtih Lm400 bhala kera u dan "xi xahrejn qabel ghamilt din il-kawza biex inhassar dak il-kuntratt". Dwar dan hu testwalment qal "hu taghni Lm400 flus tal-kera u ffirmajtilu izda ma zammejthomx u ftit wara tajthom lura lil Oreste Cilia. F`din l-okkazzjoni jien iffirmajt fuq il-pitazz tal-kera u mhux fuq karta. In kontro esami hu semma` li hu ma kienx talab li jinqara l-ftehim li ffirma, li fl-istess waqt kien irceva Lm400 u dwar dan testwalment qal "kont naf li qieghed ihallasni kera" ghal sena u "kont naf ukoll li qieghed niffirma xi haga li ghandha x`taqsam mal-kera". Inoltre kien gie muri kopja ta` zewg ircevuti bid-dati tal-24 ta` Ottubru, 2001 u tal-11 ta` Ottubru, 2002 (bl-ahhar data wara l-presentata ta` dan l-avviz ossija s-26 ta` Settembru, 2006) u hu gharaf il-firem tieghu fuq dawn l-ircevuti. Sussegwentement, hu kompla jghid "jiena minn dejjem fhimt li l-ftehim li kelli kien ma` Oreste Cilia personalment u mhux ma` xi kumpanija". Dwar il-hlas tal-kera hu kien qabel illi kien ircieva hlas ta` Lm400 ghal darbtejn izda fit-tieni okkazjoni hu kien mar ghand Oreste Cilia sabiex jirritorna lura l-flus izda dan ma riedux jzommhom. Inoltre hu haseb li Oreste Cilia kien ser jiehu l-post sena b`sena izda dwar dan il-punt hu qal ukoll illi ma kienx gie diskuss.

Fl-ahhar nett, hu qal li "hadd minnhom ma` qalli li dak li kont qieghed niffirma kien kuntratt". Inoltre "jiena nafha li sabiex tiffirma kuntratt irid ikollok ix-xhud".

Ikkunsidrat

Illi da parti ta` Oreste Cilia (fol. 39, fol. 43 u fol. 52 tal-atti) jsostni illi meta kien ghalaq ic-cens temporanju favur Philip Magri fid-9 ta` Frar, 1999, dan kien gie ghandu sabiex jiehu lura c-cwievet. Ghalhekk hu kien mar ghand is-sid tal-post in kwistjoni cioe` l-attur u wara li kien iddiskuti l-kaz mieghu, l-istess attur kien qallu "… li l-kera issir Lm400". Fuq suggeriment ta` l-istess attur, hu kien irrediga l-iskrittura in esami u din giet iffirmata kemm mill-attur kemm minnu dak il-hin stess fuq insistenza da parti ta` l-attur, flimkien ma` l-ircevuti tal-kera iffirmati mill-attur wahdu. Sussegwentement, hu kien hallas ukoll it-tieni skadenza ta` kera ghas-sena 2002 u l-attur iffirma wkoll l-ircevuta. Pero` wara xi xahar, kien gie ghandi ragel "li jigi xi haga mill-boghod …" mill-attur, insemmi wkoll fix-xhieda ta` dan, u dan ir-ragel kien halla l-Lm400 imhallsa bhala t-tieni skadenza, fuq xkaffa fil-hanut tax-xhud. Meta tkellem ma` l-attur, dan kien qallu li xtaq jzommhom izda ma kienx ser jaghmel dan "… ghax inkella r-ragel l-iehor ma jersaqx 'l hemm izjed" minhabba hekk, kien sar id-depozitu ta` l-istess ammont fir-Registru tal-Qorti. Fl-ahhar nett, ix-xhud qal li "dan l-ahhar", l-attur kien ircieva pagament minghand ix-xhud, ta` skadenza ta` kera, kif jidher minn ircevuta esebita in atti u datati l-24 ta` Ottubru, 2003 (ara fol. 42 kif wkoll il-ktieb ta` l-ircevuti ta` hlas ta` kera a fol. 46).

Ikkunsidrat

Illi jigi notat li kif jidher mill-verbal a fol. 50 ibid, id-difensur ta` Oreste Cilia nomine kien informa lill-Qorti li "l-attur baqa` jaccetta l-kera tal-post minghand il-konvenut u l-attur sbanka mill-Qorti skadenza ta` kera depozitati fir-Registru". Inoltre a fol. 56 ibid tinsab ircevuta ohra, in fotokopja, murija lill-Qorti minn fejn jidher illi Gaetano Farrugia l-attur irceva minghand il-konvenut nomine s-somma ta` Lm400 bhala hlas ta` skadenza ta` kera mill-24

ta` Ottubru, 2004 sat-23 ta` Ottubru, 2005, liema ircevuta hi datata t-22 ta` Ottubru, 2004.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti din il-Qorti ma tarax kif tista` tannulla u thassar l-iskrittura ta` ftehim ta` kera in esami. Difatti l-attur kellu jipprova illi l-kunsens tieghu kien vizzjat "billi huwa gie ngannat meta iffirmaha u ma kienx jaf biha".

Illi din il-Qorti ma tistax tara kif tista` tilqa` t-talba ta` attur illi diga` gie dikjarat bhala "in mala fede", li ffirma zewg skritturi ta` kirja fuq l-istess post ma` zewg persuni differenti u fi spazju ta` madwar xahrejn minn xulxin, li anke fil-mori ta` din il-kawza, kompla jaccetta l-hlas tal-kera minghand il-konvenut nomine. Fi ftit kliem, il-Qorti ma tistax tikkunsidra lill-attur bhala bniedem affidabbli u kredibbli anzi hu wiehed nieqes totalment minn kredibbilita`. Dan premess l-istess Qorti tara li ma hemmx bzonn li tikkummenta fit-tul kif dwar il-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi evidenti fix-xhieda ta` l-attur specjalment meta jghid li ma kienx jaf x`qed jiffirma waqt li jghid fl-istess nifs li kien konsapevoli illi kien qed jircievi l-hlas ta` skadenza ta` kera.

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------